MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2007

Talba Numru. 234/2007

**Maltacom Plc**

**Vs**

**Polidano Brothers Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fis-6 ta` Marzu, 2007 fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tmintax-il lira u tlieta u disghin centezmu (Lm218.93) rapprezentanti valur ta` hsarat kkagunati mis-socjeta` konvenuta fi Triq Sir Arthur Burthen kantuniera mat-Triq iz-Zuntier u Triq in-Naggar fil-Mosta f`Settembru tas-sena 2005 u dana kif jirrizulta minn fattura li ghandha reference number MC01775 datata 10 ta` April, 2006.

Ra li s-socjeta` konvenuta pprezentat risposta fit-30 ta` Marzu, 2007 fejn iddikjarat illi t-talbiet attrici ma kienux qed jigu kkontestati.

Semghet lil Avukat Dr. Jesmond Manicaro li seduta stante ikkonferma l-kontenut ta` l-istess risposta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta` l-istess socjeta` konvenuta jilqa` t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma kif mitluba ta` mitejn u tmintax-il lira u tlieta u disghin centezmu (Lm218.93) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------